



---

**TESTI ADOTTATI**

---

**P9\_TA(2020)0243**

**Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv Ewropej (ECSP) għan-Negozji \*\*\*II**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (06800/1/2020 – C9-0292/2020 – 2018/0048(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06800/1/2020 – C9-0292/2020),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>2</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0113),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0168/2020),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

---

<sup>1</sup> ĠU C 367, 10.10.2018, p. 65.

<sup>2</sup> Testi adottati tas-27.3.2019, P8\_TA(2019)0301.

3. Jagħti iStruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
4. Jagħti iStruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

